KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 18.2.2005
KUMM(2005) 58 finali

2002/0132 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skond it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 251 (2) tat-Trattat KE

li jikkonċerna

il-pożizzjoni komuni milħuqa mill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kontrolli ta' flus kontanti li jidħlu u joħorġu mill-Komunità

2002/0132 (COD)

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skond it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 251 (2) tat-Trattat KE

li jikkonċerna

il-pożizzjoni komuni milħuqa mill-Kunsill bil-ħsieb li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kontrolli ta' flus kontanti li jidħlu u joħorġu mill-Komunità

1- SFOND

Data ta' trasmissjoni tal-proposta lill-PE u lill-Kunsill(dokument KUMM(2002)328 finali 2002/0132 (COD):	25 ta' Ġunju 2002
Data ta' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	15 ta' Mejju 2003
Data tat-transmissjoni tal-proposta emendata (KUMM(2003)371 finali – 2002/0132 COD)	1 ta' Lulju 2003
Data ta' l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni	17.02.2005

2- L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL- KUMMISSJONI

L-għan ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li żżid mad-Direttiva 91/308/KEE, li tistabbilixxi sistema ta' superviżjoni u ta' informazzjoni dwar it-transazzjonijiet ta' flus mill-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu. Għal dan il-għan il-proposta timmira li tintroduċi kontroll armonizzat u proċedura ta' informazzjoni għal ċaqliq fuq skala kbira ta' flus il-ġewwa u il-barra mill-Komunità u tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet li jieħdu azzjonijiet amministrattivi xierqa, inkluż l-obbligazzjoni li jagħtu l-penali.

Id-dispożizzjonijiet tal-proposti għalhekk ikunu jisgħu jgħinu biex ma jħallux li jsir il-ħasil tal-flus jew l-iffinanzjar tat-turiżmu.

3- KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI KOMUNI

3.1 RIMARKI ĠENERALI

Il-Kummissjoni tilqa' l-approvazzjoni tal-prinċipji ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni.

3.2 KUNSIDERAZZJONI TA' L-EMENDI PROPOSTI MILL-PARLAMENT FL-EWWEL QARI

Fil-pożizzjoni komuni tiegħu, il-Kunsill tratta numru ta' emendi tal-Parlament inklużi l-emendi ewlenin li ġejjin:

Emenda 2 li titratta iż-żieda tal-Artikolu 95 għall-bażi legali

Emenda 13 li testendi l-firxa ta' "ċekkijiet" koperti bil-proposta

Emenda 15 li tikkjarifika ir-rwoli ta' l-awtoritajiet kompetenti rispettivi

Il-Kunsill ma jittrattax l-emendi kollha l-oħra inkluż li ġej:

L-Emenda 1, 20, 21 u 23: biex tkun żgurata applikazzjoni aħjar u uniformi tal-proċeduri tal-kontroll tal-flus f'kontanti, il-Kunsill u l-Kummissjoni huma favur regolament minflok direttiva, kif propost mill-PE.

Emenda 3, 4 u 8, 12, 14 u 18: sabiex tkun żgurata sigurtà legali u speċjalment biex in-nies deħlin u ħerġin mill-Komunità b'somom kbar ta' flus jiġu trattati indaqs, il-Kunsill u l-Kummissjoni jippreferu approċċ obbligatorju waħdieni; milli l-emendi tal-PE li joffru lill-Istati Membri il-possibilità li jużaw kemm dikjarazzjoni ta' mandat jew sistema bbażata fuq żvelar ta' tagħrif fuq it-talba ta' l-awtoritajiet kompetenti.

Emenda 16: Il-Kunsill u l-Kummissjoni ma jaqblux mat-trażmissjoni tad-data miksuba permezz ta' proċedura ta' dikjarazzjoni jew waqt l-attivitajiet ta' kontroll għal bażi ċentrali li hija mmexxija mill-Istati Membri u il-EUROPOL flimkien. Is-Sistemi ta' Informazzjoni tad-Dwana (CIS) kif previst fit-titoli V u VI tar-Regolament 515/97 (*assistenza reċiproka*) jikkostitwixxu strument ekwivalenti għal dak propost mill-PE.

3.3 DISPOŻIZZJONIJIET ĠODDA INTRODOTTI MILL-KUNSILL

Il-Kunsill emenda ħafna dispożizzjonijiet. L-emendi ewlenin huma kif ġej:

B'żieda mal-bażi inizjali legali ta' l-att – l-Artikolu 135 tat-Trattat (kooperazzjoni tad-dwana) - il-Kunsill talab ukoll l-Artikolu 95 (l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonjiet tas-suq intern) biex ikun ċar li l-miżuri uniformi previsti għall-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Komunità jikkontribwixxu ukoll għall-iffunzjonar tas-suq intern. Iż-żieda ta' l-Artikolu 95 kien mitlub ukoll mill-PE fl-ewwel qari. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.

L-iskop ġeografiku huwa emendat biex jimxi ma' l-iskop ġeografiku tad-Direttiva 91/308/KEE. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.

Biex jkunu żgurati kontrolli effettivi b' burokrazija mill-inqas, id-dikjarazzjoni hija obbligatorja iżda tista' tieħu forma miktuba, orali jew elektronika. Il-Kunsill, bħall-Parlament, jinstab ikkonċernat dwar ir-riskji ta' ħafna burokrazija marbuta mal-ħtieġa ġenerali li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni miktuba, iżda ipprefera sistema waħda bbażata fuq ħtieġa ta' dikjarazzjoni obbligatorja (bil-piż għal min jiddikjara u għall-amministrazzjonijiet jitnaqqas permezz tal-flessibilità fejn tidħol il-forma li

tkun meħtieġa għad-dikjarazzjoni). Il-Kummissjoni tappoġġja is-sistema ta' dikjarazzjoni mandatorja u tista' taċċetta din l-emenda.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-penali għal min jonqos li jiddikjara, ir-regola rilevanti għamluha li taqbel mat-test standard li jintuża f' atti legali oħra (il-karattru effettiv proporzjonat u diswassiv tal-penali). Il-Kummissjoni tappoġġja dan.

Mhemmx limitu ta' ħin fiss għas-setgħa biex jinżammu l-flus kontanti fil-kas li jkun hemm nuqqas ta' dikjarazzjoni. Is-setgħa li jinżammu l-flus kontanti u l-perijodu li jinżammu huma bbażati fuq deċiżjoni amministrattiva skond il-liġi nazzjonali. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.

Il-Kummissjoni hija msejħa biex tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-PE u l-Kunsill erba' snin wara id-dħul fis-seħħ tar-regolament. Dan jikkorrispondi għal talba simili li għamel il-Parlament fl-Emenda 22 tiegħu. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.

Il-limitu biex issir dikjarazzjoni tnaqqset minn € 15 000 għal € 10 000. Dan ivarja mill-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, li kienet identika għal-limitu fid-Direttiva 91/308/KEE. Madankollu, il-Kunsill ikkunsidra li limitu iżgħar huwa ġustifikat minħabba li ċ-ċaqliq li jaqsam il-fruntieri tal-flus kontanti huwa iktar faċli li jsir minn trasferimenti *via* l-istituzzjonijiet finanzjarja u minħabba r-riskju ta' ammonti iżgħar ta' flus kontanti li jiġu wżati speċifikament biex jiffinanzjaw attivitajiet terroristiċi. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.

Sabiex il-ġlieda kontra il-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu tkun tista' issir bl-iktar mod effettiv huwa indikat li l-Istati Membri jistgħu, skond it-Trattat, ikomplu japplikaw il-kontrolli nazzjonali intra komunitarji tal-flus kontanti. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pożizzjoni komuni tikkonstitwixxi kompromess aċċettabbli anke jekk ma ttrattatx l-emendi kollha tal-PE.

Minkejja dan, il-Kummissjoni hija konvinta li l-fehmiet tal-Kunsill u tal-Parlament huma biżżejjed viċini biex jissuġġerixxu li pożizzjoni ta' qbil tista' tintlaħaq fil-futur qarib, speċjalment meta tqis l-interess minn kull naħa biex jitjiebu l-kontrolli u jitwaqqfu l-flussi ta' fondi lit-terroristi u l-organizzazzjonijiet kriminali.

5. STQARRIJA TAL-KUNSILL GĦALL-MINUTI

L-istqarrija ġenerali, dwar l-użu tal-kelma "penali" fl-istrumenti legali tal-Komunità, turi biċ-ċar li "penali" hija wżata fit-test fis-sens newtrali biex tkopri wkoll sanzjonijiet amministrattivi, finanzjarji u tipi oħra ta' sanzjonijiet. Il-Kummissjoni tista' taċċetta dan.